# ĊERIMONJA TAL-GHOTI TAL-MIDALJA ĠUŻE' MUSCAT AZZOPARDI



Fl-aħħar jum ta' l-istess xahar fit-Teatru ta' l-Università ngħatat għall-ħames darba il-Midalja Ġużè Muscat Azzopardi. Din id-darba unanimament il-Ġurija għażlet lill-Prof. Ġ. Aquilina.

Fil-11 a.m. it-Teatru kien għoddu mtela kollu. Fuq il-palk kien hemm il-Prof. Ġ. Galea Pres. ta' l-Akkademja tal-Malti, il-Prof. Feliċ Cremona, Aġent Viċi Kanċellier ta' l-Università, l-Onor. Dr. Ġ. Felice, Aġent Prim Ministru, l-Eċċ. T. Mons. Gonzi, is-sinjura Anna u żewġha Gino Muscat Azzopardi.

Malli wasal l-Aġent Gvernatur-Ġenerali Sir A. Mamo bdiet iċ-ċerimonja b'kelmtejn tas-Sur Gino Muscat Azzopardi li fisser l-iskop tal-midalja. Wara s-sinjura Anna ippreżentat il-Premju tal-Matrikola

tal-Malti ta' £17, li jġib isimha, lis-sinjorina Joyce Saydon miż-Żurrieq.

Tkellem wara l-Prof. Ġ. Galea dwar il-fatt li pajjiżi u għaqdiet barranin jonoraw il-letterati tagħhom b'midalji, premjijiet u ġieh ieħor. F'Malta riedet tkun il-Familja Muscat Azzopardi biex twaqqaf midalja u premju għall-Malti u ta' dan mhux biss l-Akkademja imma l-poplu Malti kollu għandu jkun grat lejn dil-familja.

Il-Prof. F. Cremona stqarr li hu ġieh kbir għalih li kellu jirrappreżenta lill-Università f'ċerimonja bħal din, għax Aquilina kien Għawdxi bħalu u kien wieħed mill-ewwel studenti li kellu meta sar professur. Għalhekk din kienet għalih ferħa doppja u mal-ferħ tiegħu żied ukoll dak tal-professuri kollegi ta' Aquilina, li jammiraw fih studjuż kbir tal-Malti.

Sir Anthony Mamo bi kliem mirqum u meqjuż li jagħmel tassew ġieh lill-karika għolja tiegħu u lill-Ilsien tagħna fisser kif hu u Aquilina kienu fl-istess żmien l-Università, it-tnejn fil-Għaqda tal-Malti, u kif il-Malti stagħna bil-ħidma tal-professur tal-Malti. Fl-aħħar hemeż fuq sider il-Prof. Aquilina l-midalja tad-deheb Ġużè Muscat Azzopardi u tah id-diploma relattiva.

Iċ-ċerimonja għalqet b'riċeviment fl-Aula Concilii li għalih attendew l-ogħla awtoritajiet, professuri, imħallfin, membri tal-Akkademja u mistednin distinti.

L-organizzazzjoni li kienet f'idejn kommissjoni apposta magħmula mill-Prof. Ġ. Galea, G. Zarb Adami, V. Apap u Ġ. Cardona ħaqqha kull tifħir tas-suċċess ta' kollox.

---

DISKORS TAL-PROFESSUR ĠUŻE' GALEA.

Kull poplu f'kull żmien ħass il-ħtieġa li jonura lill-mertu. In-nies jagħtu ġieh lil min jiddistingwi ruħu f'xi ħaġa li hi xierqa, li hi sewwa, li hi tajba jew li hi sabiħa għax jafu li meta jagħmlu hekk ikunu qegħdin jagħtu ġieh mhux biss lil dak li jkun, iżda wkoll lil art twelidu.

Hemm ħafna manjieri kif wieħed jista' jiddistingwi ruħu u jogħla 'l fuq mill-kotra: hemm min jagħmel isem bħala gwerrier, hemm min jaqla' ġieh bħala amministratur, hemm min jiddistingwi ruħu fl-arti jew fix-xjenza; iżda jiena jidhirli li ħadd ma jistħoqqlu ġieh daqs dak li jiddistingwi ruħu fil-kamp intellettwali. Għax l-opri intelletwali mhux biss ipaxxu r-ruħ, iżda wkoll iħeġġu l-moħħ u jissodisfaw lill-umanità.

Għalhekk in-nazzjonijiet għandhom ħafna unuri, premjijiet u għoti ta' ġieh biex juru rispett u qima lil min jistħoqqlu. Ukoll aħna

f'din il-Gżira tagħna għandna premju għoli u sabiħ għal min jiddistingwi ruħu fil-kamp intellettwali, anzi l-premju tagħna għandu tifsira speċjali għax jingħata lil min jakkwista mertu f'dik il-ħaġa li hi l-aktar għażiża għalina u li tagħżilna minn ġnus oħra: l-Ilsien Malti.

Dan il-Premju jġib l-isem ta' "Ġużè Muscat Azzopardi" bħala tifkira tal-Kavalier Ġużè Muscat Azzopardi, wieħed mill-ġenji intellettwali li żejnu lil Art Twelidna, bniedem għaref u ta' talent li baqa' jissemma bħala persuna legali, bħala ċittadin prominenti fil-ħajja soċjali u politika u fuq kollox bħala kittieb u awtur mill-aqwa ta' pajjiżna. Hu ħadem u ħabrek biex ta sura ġdida lil-letteratura Maltija u qegħidha fuq pedistall tal-granit li ma jiġġarraf qatt. M'hux ta' b'xejn li hu magħruf bħala "Missier il-letteratura Maltija".

Din il-Midalja hi mwaqqfa mis-Sur Gino Muscat Azzopardi, bin dak li għalih hi msemmija. Is-Sur Gino mexa fit-triq li fetaħ missieru; hu nnifsu hu magħdud fost l-aħjar kittieba ta' Malta; hu bniedem li jinteressa ruħu fil-ħajja kulturali u dejjem iħabrek biex jara mwettaq l-ideal ta' missieru. Is-Sur Gino Muscat Azzopardi hu wieħed mill-ftit ċittadini ta' Malta li jinkoraġġixxi t-talent Malti; hu Mecenate li jixtieq jagħmel ħila, iħajjar u jgħin lil dawk li għandhom il-ħrara u l-ġenju biex ixerrdu u jgħollu l-ilsien Malti.

Hemm kumitat jew ġurija biex tagħżel lil min jistħoqqlu l-Midalja Muscat Azzopardi. Din il-ġurija hi komposta mill-President tal-Akkademja tal-Malti, mir-Rettur tal-Università Rjali, mill-Fundatur tal-Midalja u minn dawk li kienu ippremjati b'din il-Midalja. Din is-sena l-ġurija għażlet unanimament lill-Professur Ġużè Aquilina.

Jiena ma bi ħsiebnix nagħmel paneġirku tal-Professur Aquilina: hu bniedem magħruf f'din il-Gżira u barra wkoll; hu raġel għaref u tal-għaqal li minn ċkunitu wera ħrara u xejra speċjali għall-istudju tal-Malti. Meta kien għadu student fl-1935 indaħal għal konkors ta' rumanzi li kien nieda l-Gvern, l-aqwa konkors letterarju li s'issa kellna f'pajjiżna, u hu ħareġ rebbieħ bir-rumanz tiegħu "*Taħt Tliet Saltniet*" li llum sar klassiku Malti. Imbagħad wara li laħaq Avukat fl-1937, hu kien magħżul Professur tal-Malti u Ilsna Orjentali fl-Università tagħna; b'din il-ħatra tiegħu ta' Professur tal-Malti, Aquilina sar is-suċċessur tal-famuż Mikiel Anton Vassalli, wieħed mill-aktar benemeriti ta' pajjiżna, dak li ta xejra xjentifika lill-istudju tal-Malti.

Fl-1938 il-Professur Aquilina mar jissokta jitħarreġ fix-xjenza tal-lingwistika f'Londra, u kien wieħed mill-ewwel Maltin li ħa d-Dottorat ta' l-Università ta' Londra.

Wara li raġa' lura f'pajjiżu l-Professur Aquilina ntafa' bil-ħrara u bil-ħeġġa kollha, u bl-entusjażmu taż-żgħożija, għall-istudju, għat-tagħlim u għar-riċerki tal-Malti u tal-Ilsna Orjentali, u biex aktar jista' jiddedika ruħu għall-istudji li kien qabad, hu telaq il-karriera tiegħu ta' Avukat, li kienet tippromettti ħafna, u qabad il-ħajja ta' Professur u ta' Skrittur.

Il-Professur Aquilina hu kittieb l-aktar prolifiku, ippublika għadd kbir ta' artikoli, studji, riċerki, essays, trattati, brochures u kotba bil-Malti u b'ilsna barranin li xterdu mhux biss f'Malta iżda wkoll barra din il-Gżira fejn kienu milqugħin bħala xogħlijiet oriġinali u awtorevoli.

Bħala kittieb il-Professur Aquilina ħareġ xogħlijiet fil-friegħi kollha tal-letteratura: essays, proża, poeżija u drama u f'kollha wera ħiltu bħala skrittur kbir u kapaċi, imma barra dawn hemm ukoll il-kotba ta' tagħlim tal-lingwistika li hu ħareġ u li jibqgħu bħala monument tal-ġenju tiegħu: "*Il-Polz ta' Malta*" (1948), "*Il-Muża Maltija*" (1948), "*Studji Kritiċi*" (1950), "*Storja Taċ-Ċiviltà*" (1960), "*Ma' Dwar il-Ħajja*" (1953) huma kotba li ma jistgħux igħaddu mingħajrhom dawk li jistudjaw il-Malti jew li jinteressaw ruħhom f'dan l-ilsien. Hemm ukoll oħrajn li ssemmew b'tifħir kbir mill-barranin, bħal, biex insemmu tnejn, "*The Structure of Maltese*" (1959), "*Papers in Maltese Linguistics*" (1961). Dawn huma kotba kbar, ikkunsidrati bħala opri awtorevoli u ta' min joqgħod fuqhom. Il-lum hawn xejra mad-dinja kollha għall-istudji tal-ilsna orjentali u għall-kultura semitika, u kull fejn hemm dan l-istudju l-kotba ta' Aquilina huma msemmijin u magħrufin bħala "*books of reference*".

Dan l-aħħar The English Universities Press li tippublika s-serje ta' kotba "*Teach Yourself*" ħarġet il-ktieb ta' Aquilina "*Teach Yourself Maltese*" (1965) u allura bis-saħħa ta' dan l-aħħar xogħol tiegħu, l-ilsien tagħna daħal fl-isfera ta' ilsna internazzjonali u se jkun magħruf u studjat mad-dinja, għax il-kotba "*Teach Yourself*" huma mxerrdin fost il-ġnus tad-dinja kollha.

Il-Professur Aquilina ħafna drabi kien magħżul biex jirrappreżenta din l-Università jew il-Gżira tagħna, f'konferenzi u kungressi internazzjonali barra minn Malta u kull fejn mar għamlilna unur għax id-diskorsi tiegħu u r-raġunar u l-loġika tiegħu kienu milqugħin bħala dawk ta' bniedem li hu sħiħ fil-fehma tiegħu u hu awtorità fuq dak li jitkellem.

Għal dawn ir-raġunijiet jiena naħseb li kulħadd jaqbel mal-ġurija li għażlet lill-Professur Ġużè Aquilina għall-għoti tal-Midalja tad-Deheb "Ġużè Muscat Azzopardi".